

Brussell, 24 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10632/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0139 (NLE)

AGRI 349
PROBA 30
WTO 178

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 286 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 286 final.

Mehmuż: COM(2019) 286 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2019
COM(2019) 286 final

2019/0139 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill
Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-
Zokkor tal-1992**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li testendi l-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor, tal-1992, sat-31 ta' Diċembru 2021.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor, 1992

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor, tal-1992 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") għandu l-għan li jiżgura kooperazzjoni internazzjonali msaħħa b'rabta mal-kwistjonijiet dinjija taz-zokkor u oħrajn relatati; li jipprovdi forum għal konsultazzjonijiet intergovernattivi dwar iz-zokkor u dwar metodi biex tittejjeb l-ekonomija dinjija taz-zokkor; li jiffaċilita l-kummerċ billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar is-suq dinji taz-zokkor u dolċifikanti oħra; u li jinkoraġġixxi żieda fid-domanda għaz-zokkor, b'mod partikolari għal użi mhux tradizzjonali.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

L-Unjoni hija parti għall-Ftehim¹.

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor huwa l-korp responsabbli għall-qadi tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Jadotta regoli u regolamenti, inkluż ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill u l-kumitati tiegħu, u r-regolamenti finanzjarji u tal-persunal tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO"). Il-Kunsill iżomm id-dokumentazzjoni meħtieġa u jippubblika rapport annwali u informazzjoni oħra fejn xieraq.

Il-Membri tal-Ftehim għandhom 2 000 vot b'kollox. Kull Membru tal-Ftehim għandu għadd speċifiku ta' voti, li kull sena jiġi aġġustat skont kriterji definiti minn qabel fil-Ftehim. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jittieħdu, fil-prinċipju, b'kunsens sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-Ftehim. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet għandhom isiru permezz ta' vot ta' maġġoranza sempliċi, sakemm il-Ftehim ma jipprevedix vot speċjali.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Ġie konkluż għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995, u minn dakinhar 'l hawn ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn, kif previst mill-Artikolu 45 tiegħu. L-aħħar li ġie estiż il-Ftehim kien f'Diċembru 2017, u jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2019.

Waqt il-55 sessjoni tiegħu nhar id-19 ta' Lulju 2019, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor għandu jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 b'sentejn oħra ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jippermetti lill-ISO tkompli għaddejja b'ħidmitha.

L-att previst għandu jsir vinkolanti għall-partijiet skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, li jipprevedi kif ġej: "Il-Kunsill jista', permezz ta' vot speċjali, jestendi dan il-Ftehim lil hinn mill-31 ta' Diċembru 1995 għal perjodi suċċessivi, ta' mhux iktar minn sentejn kull darba.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (92/580/KEE) tat-13/11/1992; ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15.

Kwalunkwe Membru li ma jaċċettax dan it-tip ta' estensjoni għal dan il-Ftehim għandu jgħarraf lill-Kunsill bil-miktub u ma jistax jibqa' Parti ta' dan il-Ftehim mill-bidu tal-perjodu tal-estensjoni".

L-estensjoni tal-Ftehim se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Ftehim Internazzjonali taz-Zokkor tal-1992 ġie konkluż mill-Komunità permezz tad-Deċiżjoni 92/580/KEE, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993 għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġie estiż b'mod regolari għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar b'deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, waqt il-52 sessjoni tiegħu nhar l-1 ta' Diċembru 2017, u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2019.

L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-ISO, u huwa fl-interess tal-Unjoni li jkun hemm estensjoni ulterjuri tal-Ftehim b'sentejn oħra. L-Unjoni hija produttur ewlieni taz-zokkor, kif ukoll sieħba ewlenija fil-kummerċ taz-zokkor għal bosta Membri tal-ISO.

It-52 Membru tal-ISO għandhom total ta' 2 000 vot. L-UE tgħodd bħala Membru wieħed. Kull vot għandu piż ta' GBP 653 għall-baġit amministrattiv tal-2019. Għall-proċeduri tal-baġit (ara l-Artikolu 25 tal-ISA tal-1992), jiġifieri biex jiġu stabbiliti l-kontributi finanzjarji annwali tal-Membri, l-għadd ta' voti allokat li lill-Unjoni huwa 552, u għaldaqstant il-kontribut dovut għall-2019 jammonta għal GBP 360 456. Dawn in-numri jiġu aġġustati kull sena.

Deċiżjoni formali dwar l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2021 hija skedata għall-55 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, li se ssir nhar id-19 ta' Lulju 2019 f'Cairns, l-Awstralja.

L-Unjoni ilha mill-2015 'l hawn tfittex li tqabbad diskussjoni fost il-Membri tal-ISO sabiex jinbada proċess ta' modernizzazzjoni tal-Ftehim, li skontu l-voti għadhom jiġu allokat li abbażi tas-sitwazzjoni dinjija taz-zokkor kif kienet fl-1992, u minħabba f'hekk it-tqassim tal-voti ma għadux jirrifletti r-realtà tas-suq dinji taz-zokkor. Għaldaqstant, il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni ma għadux jirrifletti l-pożizzjoni relattiva tagħha fis-suq dinji taz-zokkor. Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-“Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati sabiex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992”² (minn hawn 'il quddiem “id-Deċiżjoni”), bil-għan li jsib rimedju għal din is-sitwazzjoni. Fil-kuntest ta' dawk in-negożjati, il-Kummissjoni ressqet proposti għal emenda tal-Ftehim, li bħalissa qegħdin jiġu diskussi ma' Membri oħra tal-ISO. Il-vot dwar l-estensjoni tal-Ftehim se jsir fl-istess sessjoni bħall-vot dwar l-emenda tal-Ftehim. Il-vot dwar l-emenda tal-Ftehim jinsab fuq l-aġenda qabel il-vot dwar l-estensjoni tal-Ftehim.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kummissjoni tivvota, f'isem l-Unjoni, favur l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2021, fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor. Madankollu, din il-pożizzjoni għandha tkun soġġetta għad-deċiżjoni favorevoli tal-Kunsill tal-ISO dwar il-proposta għal emenda tal-Ftehim. Jekk il-Kunsill tal-ISO ma jiddeċidix favur, jenħtieġ li l-Unjoni tipprevjeni li ssir deċiżjoni b'kunsens fuq dik l-estensjoni, tastjeni minn vot sussegwenti dwar dik il-kwistjoni, u terġa' tikkonsulta mal-Kunsill. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed Membri preżenti sabiex tintlaħaq il-maġġoranza meħtieġa għal vot speċjali, l-estensjoni tal-Unjoni tkun tffisser li l-estensjoni ma tkunx maqbula f'dik l-okkażjoni, u l-kwistjoni x'aktarx tiġi posposta għas-

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati sabiex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, mhux ippubblikata (id-dokument tal-Kunsill 14282/17).

sessjoni ta' wara, f'Novembru 2019. Jekk tintlaħaq maġġoranza, l-estensjoni tiġi vvutata u d-deċiżjoni tkun torbot lill-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-astenzjoni tibqa' l-preferenza flok vot negattiv, billi tkun tibgħat messaġġ politiku qawwi filwaqt li tippermetti l-estensjoni tal-Ftehim; l-UE jkun għad għandha l-possibbiltà li tirtira mill-Ftehim. Sabiex titlaq mill-Ftehim, l-Unjoni jkollha mbagħad tgħarraf bil-miktub lill-ISO bl-intenzjoni tagħha li titlaq mill-Ftehim, kif previst fl-Artikolu 45(2) tal-Ftehim. Għal dan il-għan, tkun meħtieġa Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor għandu l-effett li jestendi l-validità tal-Ftehim, li huwa ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni. Għaldaqstant, l-att previst għandu effetti legali.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment incidental, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni (il-kummerċ fi prodotti agrikoli).

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor se jemenda l-Ftehim, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor, tal-1992 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE⁴, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995, u minn dakinhar 'l hawn ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar b'deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor f'Diċembru 2017⁵, u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista' jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba.
- (3) Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, waqt il-55 sessjoni tiegħu li se ssir fid-19 ta' Lulju 2019, għandu jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (4) Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, waqt il-55 sessjoni tiegħu, se jivvota wkoll dwar proposta mressqa mill-Unjoni għall-emenda tal-Ftehim. Dik il-proposta hija r-riżultat ta' negozjati mmexxija mill-Kummissjoni bi qbil ma' awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, sabiex issir emenda tal-Ftehim, kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992⁶.
- (5) Ċaħda possibbli tal-proposta għal emenda tal-Ftehim tkun tmur kontra l-oġettiv tal-Unjoni li l-Ftehim jiġi mmodernizzat, u b'hekk tkun tqiegħed fid-dubju l-benefiċċji tal-estensjoni tal-Ftehim.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor 1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

⁵ Informazzjoni rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor (1992) (ĠU L 12, 17.1.2018, p. 1).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati sabiex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, mhux ippubblikata (id-dokument tal-Kunsill 14282/17).

- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim. Jekk isir qbil ukoll dwar l-emenda tal-Ftehim, l-estensjoni tal-Ftehim tkun fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali taz-Zokkor tal-1992 għal perjodu ulterjuri sa sentejn, sal-31 ta' Diċembru 2021.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha tipprevjeni li tittieħed deċiżjoni b'kunsens rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, u għandha tastjeni minn vot sussegwenti fuq dik il-kwistjoni f'każ li qabel dan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ma jivvutax favur il-proposta għal emenda tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FinancSt/10/PS/pl/ agri.ddg3.g.4(2019)12 78657	
		6.221.2019.1	
		DATA: 08.5.2019	
1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: Il-Kapitolu 05 06 L-ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-“AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI” 05 06 01 Ftehimiet agrikoli internazzjonali	APPROPRJAZZJONI IET: B2019 6 300 000 EUR		
2. TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992.			
3. BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea			
4. GĦANIJIET: Estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali eżistenti dwar iz-Zokkor b'sentejn oħra (mill-1.1.2020 sal-31.12.2021).			
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2019 (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA TA' WARJA 2020 (f'miljuni ta' EUR)
5.0 NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN			0.52
5.1 DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI / DAZJI TAD-DWANA) - NAZZJONALI			
5.0.1 NEFQA PROĠETTATA	2021 (f'miljuni ta' EUR)		
5.1.1 DĦUL PROĠETTAT	0.48		
5.2 METODU TAL-KALKOLU: Abbażi ta' suppożizzjonijiet dwar stima tal-għadd ta' voti tal-UE (li jvarja kull sena), u dwar stima tal-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP.			
6.0 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?			IVA
6.1 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?			-
6.2 SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			-
6.3 SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?			IVA
OSSERVAZZJONIJIET:			

L-ammont li għandu jitħallas fir-realtà jista' jvarja skont l-għadd finali ta' voti li jiġu allokati lill-UE, skont l-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP, u skont ir-rata tal-kambju EUR/GBP.